**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA’ KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 69 - IT-TLIETA 23 TA’ JANNAR 2018**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17.41pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kinsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Skrivana |
| Assenti b’apoloġija: | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJI

1.1. is-SE qara emails ta’ apoloġija mingħand il-Kunsillier Sciberras, li informa li ma setax jattendi minħabba xogħol, u mingħand il-Kunsillier Galea li informa li ma kienx jista’ jiġi kmieni minħabba xogħol pero` ma laħaqx wasal sakemm spiċċat il-laqgħa tal-Kunsill. Kopja tal-emails annessi f’A.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Spiteri ippropona korrezzjoni f’para. 2.6 biex it-tieni sentenza tiġi taqra “F’din il-laqgħa huwa esprima preokkupazzjoni li maż-żmien jista’ jinbidel l-iskop tal-permess. Ippropona wkoll li mit-tielet sentenza fl-istess para. jitneħħew il-kliem “ħarġet il-permess iżda daħħlet” u minflok tidħol il-kelma “għamlet”. Il-Kunsill qabel nem con.

2.3. Is-Sindku u l-Kunsillier Cuomo ipproponew l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati filwaqt li l-Kunsillier Gatt issekonda. Dawn ġew approvati nem con.

2.4. Il-Kunsillier Spiteri informa li attenda s-seduta tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-11 ta' Jannar fejn fiha kienet approvata l-applikazzjoni għall-pompa tal-petrol fil-Magħtab. Huwa informa wkoll li l-Kunsill ivvota kontra.

2.5. Il-minuti ġew approvati, nem con, kif emendati wara proposta mis-Sindku, ssekondata mill-Viċi Sindku. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku tkellmet dwar il-proċess għall-impieg ta' skrivan fejn spjegat kif saru intervisti però ma nstab ħadd adekwat. Kien hemm qbil li terġa ssir sejħa oħra għal skrivan fi skala 13 u kien hemm 3 applikazzjonijiet. Waħda minnhom kienet diġa ġiet qabel u għalhekk mhix se terġa tissejjaħ għall-intervista għalkemm xorta se tkun qed tiġi kkunsidrata. L-intervisti huma ppjanati għall-Ħamis 25 ta' Jannar.

3.2. Waqt laqgħa li kellha s-Sindku ma membri tal-pubbliku kellha suġġeriment li ssir konferenza fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara . Hi tħoss li tkun ħaġa sabiħa u ta' min jikkunsidraha. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din l-idea.

3.3. Is-Sindku infurmat li ntlaħaq il-ftehim kif għandu jiġi amministrat il-kuntratt tad-dawl tat-toroq, attivitajiet komuni u local funding. Fost l-attivitajiet ippjanati hemm numru ta're-enactments tal-wasla tal-Franċiżi f'Malta bil-parteċipazzjonijiet ta' re-enactors barranin. Dawn se jgħaddu minn numru ta' lokalitajiet fosthom min-Naxxar.

3.4. Is-Sindku infurmat li sar post-mortem tal-attivita` tal-Milied mal-kordinatur Noel Castillo fejn ħarġet l-idea li l-attività ta' din is-sena ssir kompletament fi Triq Santa Luċija. B'hekk l-ispiża tkun anqas u barra minn hekk ma jkunx hemm problemi ta' Traffic Management. Għandhom ikunu avviċinati l-għaqdiet biex jagħtu sehem ukoll fl-organizzazzjoni kif għamlu fl-attività li għaddiet.

3.5. Is-Sindku semmiet laqgħa li kellha mal-cat feeders. L-iskop kien biex tingħatalhom għajnuna kif ukoll tiddaħħal kuxjenza fost il-pubbliku. Fil-laqgħa kienu preżenti wkoll magħha l-Kunsillier Spiteri u s-SE.

3.6. Il-Kunsillier Brincat fakkar fil-kunċert bħala fund-raising b'riżq id-Dar tal-Providenza. Huwa informa li kien hemm diskussjonijiet għaddejin u qed jittama li jkun hemm donazzjonijiet minn sponsor prinċipali u kumpaniji kbar.

3.7. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-sid tal-ħanut Kefa Kafe fejn ħarġet ukoll l-idea ta' mużiċisti u buskers waqt xahar li jiġi ddedikat għall-kultura. Il-kunċett intlaqa' tajjeb sakemm ma jkunux iddisturbati r-residenti.

3.8. Is-Sindlu kellha taħditiet dwar il-possibiltà li l-football nursery jieħdu sehem f'International Football tournament li għandu jsir fil-Bulgaria f'Lulju bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Naxxar

3.9. Is-Sindku kellha wkoll laqgħa mal-LEAP dwar servizzi li jingħataw lin-nies li m'għandhomx fejn joqogħdu, bħal ikel u ħwejjeġ, u mill-Mosta jingħataw ukoll servizz ta' ħasil tal-ħwejjeġ

3.10. Is-Sindku kellha laqgħa ma' Ms Taylor East, f'isem l-NGO SOS Malta li jieħdu ħsieb l-anzjani u li jikkordinaw ma' NGO s oħrajn. Ma' din tixtieq tkompli tesplora possibijiet ta' proġetti li jgħinnu lil min hu fil-bżonn

3.11. Is-Sindku infurmat li mill-1 ta' Frar se jibda x-xogħol fuq il-bandli li hu pproġġettat li jieħu 12 'il ġimgħa.

3.12. Is-Sindku infurmat li aktar kmieni dak inhar stess, flimkien mal-Fondazzjoni OASI iltaqgħet mal-President tar-Repubblika fejn kien diskuss dak li ħareġ mill-Konferenza Nazzjonali "Illum Jien, Għada Int...id-droga wara biebna". Lill-ET ppreżentawla r-rapport li ħareġ minn din il-konferenza. Infurmat ukoll li kienet l-unika rappreżentanti mit-tliet Kunsilli Lokali li pparteċipaw f'din l-inizjattiva.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Il-Kunsillier Cuomo staqsiet jekk il-Kumitat Amministrattiv ta' BIC jieħux ħlas mill-permessi tal-krejnijiet li jsiru fit-toroq ta' BIC. Is-SE wieġeb pożittivament. Infurmaha li dwar dan se jara kif jipprovdila d-dettalji meħtieġa.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'B wara proposta mill-Kunsillier Brincat u ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

5.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet u l-infiq mill-Petty Cash. Dawn huma annessi f'Ċ, D u E rispettivament.

5.3. Kien hamm qbil li għandha tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni għal servizzi ta' accountant minħabba li l-kuntratt preżenti wasal biex jiskadi. Is-SE informa li nħasset il-ħtieġa li jkunu ngaġġati s-servizzi ta' Environmental Manager għal meta jkun hemm bżonn ta' konsultazzjoni bħal fil-każ ta' siġar protetti li mietu fi Triq Burmarrad, u għal meta jkun hemm bżonn ta' pariri tekniċi bħal fil-każ tar-rand fi Triq tal-Labour u għall-estensjoni tal-Urban Greening Project. Informa li huwa talab tliet kwotazzjonijiet mingħand Benjamin Camilleri ta' €15 fis-siegħa; Sammy Vella ta €50; Alfred Baldacchino ta €25. Kien hemm qbil li jintagħżel Benjamin Camilleri, sakemm ma jimponix ħlas minimu.

## 6. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

6.1. Is-SE irrakomanda li l-impjegati kollha jieħdu l-performance bonus in full jiġifieri 6%. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li s-SE għandu jingħata massimu tal-performance bonus ta' 10%.

## 7. IRRANĠAR TA' ĠNIEN FI TRIQ IL-FORĠA

7.1. Is-Sindku infurmat li, wara li kienet iddiskutiet mas-Sur Angelo Xuereb, huwa aċċetta li jisponsorja u jirranġa l-ġnien żgħir ta' Triq il-Forġa. Huwa ssottometta pjanta kif qiegħed jissuġerixxi li jirranġah filwaqt li talab li jissemma' għal ommu u missieru "Ġnien Bertu u Maria Xuereb" peress li l-art fiż-żmien kienet tagħhom. Il-kunsill qabel unanimament.

## 8. KONSULTAZZJONI DWAR ĠNIEN FI TRIQ TAL-LABOUR

8.1. Il-Kunsill qabel li għandu jikkommissjona lill-ADI biex jevalwa l-kummenti kollha tar-residenti wara l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni li bdiet fuq il-ħarġa tal-Milied tal-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek. ADI għandhom ukoll janalizzaw il-pjanta sottomessa mill-Perit u joħorġu bil-kummenti u rakkomandazzjonijiet skont il-każ.

8.2. Il-Kunsill kien mgħarraf li l-pjanta ppubblikata ma kinitx tirrifletti eżatt dak mitlub mill-Amministrazzjoni tal-Kunsill minħabba li t-triq ta' fejn hemm il-klinika, ma ġietx iddisinjata aktar wiesgħa kif mitlub. Din infatti setgħet wasslet lil numru ta' residenti li joġġezzjonaw

8.3. Il-Kunsill unanimament qabel li wara li r-rapport mill-ADI, i ssir laqgħa mar-residenti.

### *9. UNDERGROUND PARKING*

9.1. Minkejja li l-Kunsill iddiskuta kemm-il darba l-possibiltà ta' parkeġġ taħt il-bandli, inħasset il-ħtieġa li jkun hemm dikjarazzjoni ċara li l-Kunsill jixtieq jikkonsidra din l-idea serjament u kif ikun hemm il-possibiltà jmexxi mill-ewwel bil-proċess. Inħass li huwa essenzjali li l-Kunsill ikun magħqud f'deċiżjoni bħal din u għalhekk is-Sindku għaddiet il-mistoqsija lill-Kunsillieri kollha jekk jaqblux li jsir tali proġett appena jkun hemm l-opportunità. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 10. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

10.1. Is-SE informa li dan is-suġġett se jkun qiegħed jiffoka fuq il-baġit u li għalih hemm item fuq l-aġenda.

### 11. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

11.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Ilmenti li saret nhar il-21 ta' Diċembru 2017. Mid-deċiżjonijiet approvati kien hemm waħda li nbidlet aktar tard minħabba li meta kienet iċċekkjata on site instab li ma kinitx ġustifikata. Kopja tal-minuti annessi f'F.

11.2. Fis-6.45 il-laqgħa ġiet posposta temporanjament biex saru preżentazzjonijiet tal-Premji lil Desiree` Azzopardi u Camilla Appelgren li ma kienux preżenti għal Jum in-Naxxar biex jiġbruhom. Il-laqgħa tkompliet immedjatament wara.

### 12. IL-BAĠIT 2018

12.1. Is-SE ippreżenta abbozz tal-baġit għas-sena 2018 fejn ta spjegazzjoni tiegħu ukoll.

12.2. Is-Sindku saħqet li għandu jiżdied il-manteniment ta' bankini, dwal u aċċessibilità. Għandhom jitneħħew il-wires u cables minn fuq il-faċċati fi Triq Santa Luċija u jsiru fanali dekorattivi, CCTV għaċ-ċentru u infurzar kontra l-ħmieġ u vandaliżmu.

12.3. Il-Kunsill approvah kif ippreżentat iżda bil-kundizzjoni li jkun suġġett għal xi proposti ta' interess li jistgħu jitressqu mill-pubbliku u li jkun jeħtieġ li jiġu inklużi.

12.4. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk ma jkunx hemm proposti addizzjoni x'ninkludu, allura ċertu xogħol fuq proġetti proposti għandu jibda l-proċess fuqhom.

### 13. IL-PJAN TA' TLIET SNIN 2018-2011

13.1. Dwar il-pjan ta' tliet snin kien deċiż li jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss biex jiġu mħeġġa proposti.

## 14. MOZZJONI BORD TAL-GĦAŻLA GĦALL-PREMJU ĠIEĦ IN-NAXXAR

14.1. Il-Kunsillier Kunsillier Spiteri ressaq mozzjoni li kienet issekondta mill-Kunsillier Cuomo.

14.2. Il-Kunsillier Sammut ippropona li jiġu eliminati l-għaqdiet biex ma jkunx hemm konflitt ta' interess.

14.3. Il-Kunsillier Gatt ippropona li jkun hemm bord mill-għaqdiet u bord tekniku li jiġu amalgamati.

14.4. Is-SE intervjena fejn qal li bil-permess tal-Kunsillier Spiteri xtaq jikkummenta u jgħaddi rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-esperjenza tiegħu fil-Kunsill. Filwaqt li fehem l-iskop ewlieni li l-għaqdiet ikunu involuti, fakkar li l-għaqdiet infushom jista' jkollhom interess minħabba hija normali u mistennija li huma jissottomettu proposti għall-għodi ta' dan il-ġieħ. Għalhekk ippropona li l-Kunsill jista' jilħaq l-istess skop jekk il-bord għandu jkun awtonomu u l-għaqdiet jiġu involuti billi jipproponu nies ta' fiduċja tagħhom li però ma jkollhomx konnessjoni diretta mal-għaqda.

14.5. Il-Kunsill għalhekk unanimament qabel li mit-tieni sentenza tal-ewwel para. tal-mozzjoni titneħħa l-kelma 'rappreżentant' u minflok jiddaħħal il-kliem "persuna/i li ma jkollhomx konnessjoni diretta mal-għaqda".

## 15. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

15.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 20 ta' Frar 2018 fil-17:30

15.2. Il-laqgħa intemmet fis-19:30.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |